MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2011

Citazzjoni Numru. 54/2011

**Frances Attard, armla ta’ Anthony Attard,bint il-mejtin Paul Bajada u Margaret nee’ Said, imwielda Sannat, Ghawdex u residenti 62, Carmel Street, Rabat, Ghawdex bil-karta ta’ l-identita’ numru 39856G**

**-vs-**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici, li ppremettiet li hija wahda mill-eredi ta’ Francesca Said, talbet li kemm l-att tat-twelid ta’ Francesca Said kif ukoll ic-certifikat tal-mewt ta’ l-istess Francesca Said jigu korretti. Dan billi fl-att tat-twelid il-kunjon ta’ missier omm it-tarbija gie mnizzel Debono minflok Tabone u fic-certifikat tal-mewt kunjom xbubit omm Francesca Said gie mnizzel Debono mentri kellu jkun Tabone.

Il-konvenut eccepixxa li rigward ic-certifikat tal-mewt gie prezentat l-estratt u mhux ic-certifikat shih. Fil-mertu mhux qed jopponi ghat-talbiet imnizzla fir-rikors stante li t-talbiet jidhru li huma gustifikati. Fit-tielet eccezzjoni tieghu, il-konvenut ghar-rigward ta' l-inkorrezzjonijiet senjalati mir-rikorrenti qieghed jirrimetti ruhu ghad-diskrezzjoni tal-qorti salv pero' li jeccepixxi li huwa m'ghandux jinzamm responsabbli taghhom peress li fiz-zmien li gie registrat l-att tat-twelid, fis-sena 1927, ma kinitx tezisti sistema kompjuterizzata ta' gabra u kkonservar ta' informazzjoni u dokumenti. Ghaldaqstant l-ufficjali tar-Registru Pubbliku kienu jistriehu fuq id-dikjarazzjoni ta' dak li jafferma l-korrezzjoni ta' l-informazzjoni li kienet titnizzel fl-att in kwistjoni. Fl-att tat-twelid kien missier Francesca Said li kien id-dikjarant u ta l-informazzjoni kollha li mbaghad tnizzlt fic-certifikat tat-twelid. Ghalhekk qieghed jitlob li ma jigix akkollat bl-ispejjez tal-proceduri.

Rat li saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif kontemplat mil-ligi.

Rat li l-attrici ezebiet ic-certifikat shih tal-mewt ta' Francesca Said.

Illi l-attrici pprezentat diversi dokumenti in sostenn tat-talba taghha u dan kemm mar-rikors guramentat kif ukoll flimkien man-nota taghha tad-29 ta' Lulju 2011 bhal certifikat tal-maghmudija ta' Francesca Said mahrug mill-Parrocca ta' Sannat, Ghawdex[1], certifikat tal-mewt ta' omm Francesca Said mahrug mill-Parrocca ta' Sannat[2], certifikat tal-mewt ta' omm Francesca Said[3], certifikat tat-twelid ta' omm Francesca Said[4]; certifikat taz-zwieg ta' Francis Said u Maria Antonia nee' Tabone[5] u diversi dokumenti ohra. L-attrici pprezentat ukoll affidavit taghha.

[1] Dok C1 a fol 9 tal-process
[2] Dok C2 a fol 8 tal-process
[3] Dok D a fol 10 tal-process
[4] Dok E a fol 11 tal-process
[5] Dok SG a fol 21 tal-process

Minn dawn id-dokumenti ezebiti huwa evidenti li t-talba attrici hija gustifikata peress li jirrizulta li kunjom xbubit omm Francesca Said huwa Tabone u mhux Debono.

Illi fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz hadd mill-partijiet ma kien f'posizzjoni li jgib prova dwar min seta' jien jahti ghal dan l-izball u dan peress li l-att tat-twelid gie registrat fis-sena 1927.

Ghal dawn il-motivi, il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi :

i. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, huwa jikkoregi c-certifikat tat-twelid minnu mahrug (numru ta' iskrizzjoni 629/1927), liema certifikat jirreferi ghat-twelid ta' Francesca Said, fis-sens illi fil-parti relattiva ghat-Taghrif dwar isem u kunjom il-missier ta' omm it-tarbija, il-kunjom ta' missier omm it-tarbija 'Debono' jigi sostitwit bil-kelma 'Tabone' kif ukoll;

ii. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, huwa jikkoregi c-certifikat tal-mewt minnu mahrug fuq imsemmi (numru ta' iskrizzjoni 20/2011), liema certifikat jirreferi ghall-mewt ta' Francesca Said, fis-sens illi fil-kolonna ndikata 'isem u kunjom il-genituri', kunjom xbubit omm il-mejta 'Debono' jigi sostitwit bil-kelma 'Tabone'.

Spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------